**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**Rikors Numru 79/2024DC**

**F'l-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv 1525/2023**
**f'l-ismijiet**

***Aġenzija tas-Sistema ta' Infurżar Lokali***

***vs***

***Carmel Spiteri (K.I. 46150G)***

**Illum id-29 ta' Frar 2024**

**Il-Qorti**

Rat ir-**rikors tas-sekwestrat Carmel Spiteri** preżentat fid-29 ta' Jannar 2024 permezz ta' liema u għar-raġunijiet hemm premessi talab lill-Qorti *tħassar u tirrevoka l-mandat eżekuttiv bin-numru 1525/2023 f'l-ismijiet Aġenzija tas-Sistema ta' Infurżar Lokali vs Carmel Spiteri (K.I. 46150G) fit-totalita tiegħu u dan a tenur ta'l-artikolu 281(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta'Malta*.

Rat id-digriet mgħoti fit-2 ta' Frar 2024 permezz ta' liema ordnat n-notifika tar-rikors lill-kontroparti bi żmien ħamest ijiem għar-risposta u appuntat ir-rikors għas-smigħ għad-19 ta' Frar 2024.

Rat ir-risposta tas-sekwestrant l-Aġenzija tas-Sistema ta' Infurżar Lokali preżentata fis-16 ta' Frar 2024 permezz ta' liema opponiet it-talbiet tas-soċjeta rikorrenti.

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat il-verbal ta' l-udjenza miżmuma fid-19 ta' Frar 2024 meta r-rikors odjern ġie differit għall-llum biex jingħata provvediment.

Rat l-atti proċesswali.

Ikkunsidrat

Illi f'l-14 ta' Awwissu 2023 l-Aġenzija sekwestranti ottjeniet il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv fil-konfront tar-rikorrent odjern. Il-mandat inħareġ għal kreditu ta' €46,754.08 rappreżentanti *penali kkundannati kontra r-rikorrent għal kontrvvenzjonijiet deċiżi kontra tiegħu mit-Tribunal Lokali a tenur tal-Kapitolu 291 tal-Liġijiet ta' Malta liema penali jikkostitwixxu titolu eżekuttiv skond il-Liġi.* Skond rendikont, anness mal-mandat, il-multi u penali (f'l-ammont ta' €46,754.08) kienu imposti f' disgħa mija tlieta u ħamsin (953) kontravvenzjoni deċiżi mit-Tribunali Lokali fil-konfront tar-rikorrent bejn it-3 ta' Lulju 2003 u s-12 ta' Novembru 2012.

Illi r-rikorrent jgħid li l-vetturi fil-konfront ta' liema inħarġu l-kontravvenzjonijiet ma kenux reġistrati f'ismu, imma f'isem is-soċjeta Tal-General Co Limited, soċjeta li tagħha huwa direttur. Huwa inoltre jikkontendi li t-Tribunal Lokali ma jaqax f'tifsira tal-Qrati tal-Ġustizzja u għalhekk l-ammonti dovuta ma jaqgħu taħt l-ebda kap ta'l-artikolu 253 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk ma jistgħux jiġu kunsidrati bħala titolu eżekuttiv. Fi kwalunkwe każ, jgħid ir-rikorrent, id-deċiżjonijiet li a bażi tagħhom inħareġ il-mandat jeċċedu l-għaxar snin imsemmija f'l-artikolu 258(b) ta'l-istess Kapitolu 12 u għalhekk il-mandat seta' jinħareġ biss wara talba mressqa permezz ta' rikors quddiem il-Qorti kompetenti. Ir-rikorrent jgħid ukoll li huwa l-artikolu 10(5) tal-Kapitolu 291 tal-Liġijiet ta' Malta li jistabilixxi kif għandha ssir talba mir-Reġistratur tal-Qorti jew mill-Kunsilli Lokali biex il-penali dovuta jitħallsu. Huwa jikkontendi li l-proċedura stabbilita f'din id-dispożizzjoni ma ġietx segwieta.

Illi l-Aġenzija intimata da parti tagħha tilqa' għat-talba odjena billi tgħid li d-deċiżjonijiet mgħotija fil-konfront tar-rikorrent huma res ġudikata u li jekk huwa kellhu xi kontestazzjoni fir-rigward tal-proċeduri tentati kontra tiegħu huwa kellu jagħmel hekk quddiem l-awtorita kompetenti f'l-istadju opportun. In oltre l-Agenzija tgħid li t-titolu a bażi ta' liema hija ottjeniet il-mandat in eżami huwa naxxenti mill-Kapitolu 291, *lex specialis*, u konsegwentement il-mandati maħruġa in esekuzzjoni ta' dan it-titolu m'għandhomx ikunu reġolati mill-Kapitolu 12.

Ikkunsidrat

Illi jibda biex jingħad li:

- huwa żbaljat ir-rikorrent meta jgħid li deċiżjonijiet tat-Tribunali Lokali ma jistgħux jitqiesu bħala titolu eżekuttivi għaliex mhumiex elenkati f'l-artikoliu 253 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u

- hija żbaljata l-Aġenzija intimata meta tgħid li l-mandati maħruġa in esekuzzjoni tat-titoli eżekuttivi naxxenti mill-Kapitolu 291 m'għandhomx ikunu regolati mill-Kapitolu 12.

Illi l-artikolu 10(5) tal-Kap 291 jipprovdi hekk:

> *L-ammont tal-penali jkun dovut u għandu jitħallas lill-Gvern, jew meta l-ammont tal-penali jkun dovut lil Kunsill Lokali skont l-Att dwar Gvern Lokali, bħala dejn ċivili, likwidat u ċert, u jista' jiġi miġbur mir-Reġistratur tal-Qrati jew mill-Kunsill Lokali, skont il-każ. L-ordni msemmija fis-subartikolu (2)*[1] *għandha tikkostitwixxi titolu eżekuttiv* ***skont*** *u għal finijiet ta**t-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.***

Illi huwa ċar minn din id-dispożizzjoni li, kuntrarjament għal dak li jikkontendi r-rikorrent, l-ordnijiet mgħotija mit-Tribunali Lokali permezz ta' liema jiġu impost penali jikkostitwixxu titolu eżekuttiv liema titolu eżekuttiv għandu jitqies bħala tali għal finijiet tal-Kap 12. Aktar minn hekk għandu jitqies titolu eżekuttiv **skont** il-Kap 12. Konsegwentement l-eżekuzzjoni ta' titolu eżekuttivi naxxenti mill-artikolu 10 tal-Kap 251, minkejja li mhux elenkati fil-Kap 12, għandhom ikunu reġolati skond ma jipprovdi l-Kap 12 u mhux jitqiesu bħala mandati *sui generis* kif qed tippretendi l-Aġenzija intimata.

Ikkunsidrat

Illi huwa ben stabbilit fil-ġurisprudenza li l-proċedura skond l-artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta hija essenzjalment limitata għal dak li jista' jirriżulta mill-mandat innifsu. F'degriet mgħoti fit-12 ta' Settembru 2019 minn din il-Qorti kif diversament presjeduta f'l-atti tal-mandat f'l-ismijiet ***Dr Abigail Critien et vs Fair Trading Limited*** intqal hekk:

> *Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' dritt marbutin mal-każ irid jingħad illi ... ... l-għan li għalih iddaħħlet il-proċedura taħt l-artikolu 281 fil-Kodiċi tal-Proċedura huwa marbut ma' xi għelt jew nuqqas fl-att eżekuttiv innifsu, li, bis-saħħa tiegħu, il-parti eżekutata tbati preġudizzju u dan billi jsir eżami formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir .* ***Il-Qorti tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-***

[1] Ċioe il-penali imposti f'każ ta' sejbin ta' ħtija.

***Mandat ikunu tħarsu u jkunu jidhru mill-att eżekuttiv innifsu, u li dak il-Mandat ma jkunx inħareġ b'mod abbużiv****. Għalhekk ma kinitx il-fehma tal-leġislatur li din il-proċedura tintuża biex il-mandat jew att eżekuttiv ieħor jiġi attakkat jew imħassar għal raġunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnfisu li, bis-saħħa tiegħu, l-istess att eżekuttiv ikun inħareġ. ... ... ...*

*Illi l-istħarriġ li din il-Qorti trid tagħmel dwar it-talba mressqa quddiemha għandu jkun wieħed fil-parametri stretti tal-azzjoni kif proposta. Xogħol il-Qorti f'din il-proċedura huwa li tara li tagħmel ħaqq mal-partijiet għaliex wara kollox, fi proċedura bħal din, ikun hemm dejjem xi titolu eżekuttiv (bħal sentenza, taxxa ġudizzjarja jew kuntratt) li minnu nnifsu jkun stabilixxa l-mertu tal-kwestjoni. Din il-Qorti, fl-istħarriġ li jmissha tagħmel fi proċedura bħal din, ma tinbidilx f'Qorti ta' reviżjoni ulterjuri tal-ilmenti fil-mertu dwar it-titolu li jkun;*

*Illi, b'żieda ma' dan, l-azzjoni maħsuba taħt l-artikolu 281 tgħodd fejn issir talba għat-tħassir, għal kollox jew f'parti minnu, tal-att eżekuttiv, u mhux tas-sospensjoni tal-effetti tiegħu;*

*Illi għalhekk din il-Qorti għandha toqgħod b'seba' għajnejn biex ma tħallix kwestjoni dwar Mandat maħruġ minn Qorti tinbidel fi kwestjoni ta' ftuħ mill-ġdid tal-mertu jew billi tħalli li jiddaħħlu fin-nofs kwestjonijiet oħrajn li jista' jkun hemm bejn il-partijiet involuti f'dak il-Mandat. F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis li l-mottiv li jkun wassal lil xi ħadd biex jitlob il-ħruġ ta' Mandat m'għandux, bħala regola, ikun raġuni biex il-Qorti tistħarreġ is-siwi tiegħu. Dan jingħad aktar u aktar fejn il-Mandat ikun wieħed eżekuttiv, imsejjes fuq titolu li jkun eżegwibbli;*

*Illi l-Qorti tagħraf li, madankollu, fil-qafas ta' dak li ngħad aktar qabel, biex jista' jinħareġ att eżekuttiv, irid tabilfors ikun hemm titolu eżekuttiv. Għalhekk, l-eżekuttività (b'distinzjoni mis-siwi tal-mertu tiegħu) tat-titolu trid tirriżulta biex wieħed jista' jqis is-siwi tal-att eżekuttiv li jintalab bis-saħħa tiegħu. Kemm hu hekk, f'dawn l-aħħar żminijiet, ingħad ukoll li n-nuqqas ta' eżistenza ta' titolu eżekuttiv ukoll taqa' fil-parametri tal-istħarriġ dwar "raġuni tajba" li qorti tista' tintalab tagħmel f'azzjoni mibdija taħt l-artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta*[2].

[2] Is-sottolinear huwa kollu ta' din il-Qorti.

Illi dwar  n-nuqqas ta' l-eżistenza ta' titolu eżekuttiv bħala waħda mir-"*raġunijiet tajba*" li  tista' tistħarreġ il-Qorti f'azzjoni tentata taħt l-artikolu 281 kienet ta'l-istess ħsieb il-Qorti ta'l-Appell f'sentenza mgħotija fit-3 ta' Marzu 2022 fil-kawża f'l-ismijiet ***Mary Saliba vs Charles Saliba*** meta qalet li:

> *jekk tassew ma kienx hemm titolu eżekuttiv dan ikun biżżejjed biex jitħassar il-mandat taħt l-art. 281.*

Ikkunsidrat

Illi dan stabbilit l-eżami li trid tagħmel din il-Qorti f'dan l-istadju huwa jekk il-mandat in kwistjoni għandux difetti fil-forma tiegħu u jekk il-ħruġ tiegħu sar korrettement.

Illi r-rikorrent jisħaq li skond l-artikolu 258(b) tal-Kap 12 id-deċiżjonijiet li dwarhom inħareġ il-mandat kontestat għandhom validita ta' għaxar snin u l-intimata setgħet tipproċedi biex teżegwixxi dak it-titolu wara talba magħmula b'rikors quddiem il-Qorti kompetenti.

Illi kif diġa ntqal il-penali imsemmija fil-mandat ġew imposti b'sentenzi deċiżi bejn it-3 ta' Lulju 2003 u s-12 ta' Novembru 2012. Il-mandat inħareġ f'l-14 ta' Awwissu 2023 għalhekk m'għandu jkun hemm l-ebda dubbju li l-mandat inħareg wara d-dekors ta' għaxar minn meta ingħatat kull waħda mis-sentenzi.

Illi la darba l-perjodu stabbilit f'l-artikolu 258(b) imsemmi mir-rikorrent bħala dak applikabbli għad-deċizjonijiet tat-Tribunali Lokali kien skada l-ħruġ tal-mandat kellu jiġi preċedut b'talba magħmula permezz ta' rikors quddiem il-Qorti kompetenti. Mill-atti ma jidhirx li din it-talba saret konsegwentement ma jistax jingħad li l-mandat inħareġ korrettement.

Ikkunsidrat

Illi għal kull bon fini l-Qorti hija tal-fehma li għandha tirrileva li hemm raġuni oħra a bażi ta' liema għandu jingħad li l-mandat ma nħariġx korrettement.

Illi ai termini ta'l-artikolu 274(3) tal-Kap 12:

*fejn it-titolu eżekuttiv ikun ta' xort'oħra milli sentenza tal-qorti li lilha hi magħmula t-talba, kopja tal-istess titolu u tal-att li fih in-notifika, fejn l-istess notifika hi meħtieġa skont l-artikolu 256, għandhom jiġu ppreżentati flimkien mat-talba.*

Illi dan huwa rikjest sabiex ikun jista' jiġi verifikat it-titolu li tiegħu tkun qed tintalab l-esekuzzjoni. Fil-każ in eżami mal-mandat hemm anness rendikont li fih hemm elenku tas-sentenzi li tagħhom qed tintalab l-esekuzzjoni bid-dettalji kollha relattivi. Is-sentenzi, jew kopji awtentikati tagħhom, mhumiex annessi mal-mandat. Dan huwa nuqqas għaliex, la darba it-talba għall-ħruġ tal-mandat saret quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u titolu eżekuttiv *huwa xorta oħra milli sentenza* tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, kopja tat-titolu kellha tiġi preżentata flimkien mat-talba għall-ħruġ tal-mandat.

Illi f'dan ir-rigward intqal hekk f'degriet mgħoti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-6 ta' Settembru, 2023 f'l-attib tal-mandat f'l-ismijiet ***Aġenzija tas-Sistema ta' inforzar Lokali vs Kevin Victor Muscat***

*Fit-trattazjoni orali, l-avukat difensur tar-rikorrent għamel riferenza għall-Artikolu 274(3) tal-Kodiċi ta' Procedura Ċivili li jippreskrivi hekk:*
*"Fejn it-titolu eżekuttiv ikun ta' xort'oħra milli sentenza tal-qorti li lilha hi magħmula t-talba, kopja tal-istess titolu u tal-att li fih in-notifika, fejn l-istess notifika hi meħtieġa skont l-artikolu 256, għandhom jiġu ppreżentati flimkien mat-talba."*
*Għar-raġunijiet mogħtija iktar il-fuq, dan l-Artikolu huwa wkoll applikabbli għal mandati maħruġa biex jeżegwixxu ordnijiet tal-Kummissarji għall-Ġustizzja.*

*14. Fil-kaz odjern, it-titolu ezekuttiv huwa l-ordni tal-Kummissarju għall-Ġustizzja fejn ordna l-ħlas tal-penali, ai termini tal-Artikolu 10(2) tal-Kapitolu 291. Huwa paċifiku bejn il-partijiet illi fil-każ odjern l-ordnijiet tal-Kummissarju għall-ħlas tal-penali ma ġewx annessi mal-mandat. Minflok, l-Aġenzija annettiet rendikont tal-penali dovuti mir-rikorrent ikkonfermati bil-ġurament permezz ta' affidavit tal-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija.*

*15. Fit-trattazzjoni orali, l-avukat difensur tal-Aġenzija spjega r-raġunijiet loġistici għalfejn huwa diffiċli li l-ordnijiet tal-Kummissarju jiġu annessi mal-mandat, u dan għaliex fil-verità ma jinżammux hard copies ta' dawn l-ordnijiet, stante li jinħargu mijiet*

*ta' eluf ta' dawn l-ordnijiet fis-sena. Il-persuna li tiġi mitluba tħallas il-penali, bħar-rikorrent, tista' faċilment tidħol fis-sistema komputerizzata tal-Aġenzija, li fiha d-dettalji kollha relevanti tal-penali dovuti minn kull persuna, u għalhekk tista' tivverifika l-penali hix verament dovuta jew le.*

*16. Din il-Qorti tifhem il-problema loġistika tal-Aġenzija, u fl-opinjoni tagħha fis-sena 2023, il-liġijiet għandhom ikunu aġġornati sabiex jikkontemplaw ir-rikonoxximent ta' sistemi komputerizzati bħal dik tal-Aġenzija. Però, idejn il-Qorti huma marbuta, u l-Artikolu 274(3) jikkontempla biss li jiġu annessi kopji fiżiċi tat-titoli eżekuttivi. Dan hu każ klassiku ta' dura lex sed lex.*

*17. Ladarba l-ordnijiet tal-Kummissarju għall-ħlas tal-penali ma ġewx annessi mal-mandat ta' sekwestru, din il-Qorti m'għandhix xelta ħlief li tirrevoka l-mandat ta' sekwestru in kwistjoni, stante li l-Artikolu 274(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili ma ġiex osservat.*

Illi dan il-bran ġie ċitat b'approvazzjoni fid-degriet mgħoti minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fit-12 ta' Ottubru 2023 f'l-atti tal-mandat f'l-ismijiet ***Aġenzija tas-Sistema ta' Inforzar Lokali vs Sonia Vella.*** Wara li saret referenza għal dan il-bran il-Qorti kompliet hekk:

*Din il-Qorti taqbel ma' dan ir-raġunament, anki għaliex tinnota li mal-mandat kull ma ġie mehmuż huwa statement f'forma ta' spreadsheet b'diversi kolonni, bl-ewwel waħda hija l-karta tal-identità tar-rikorrenti u l-kolonni l-oħra bin-numru taċ-ċitazzjoni, il-lokalità, it-triq, in-numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura, l-ammont, id-deċiżjoni, id-data meta ingħatat u n-natura tal-kontravenzjoni. Dan l-istatement ġie kkonfermat bil-ġurament mill-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija. Biss però dan biss ma jissodisfax il-vot tal-liġi billi ma jistax jingħad li huma s-sentenzi.*

*L-iskop ta' dan l-artikolu tal-liġi huwa biex ikun hemm verifika tat-titlu eżekuttiv li abbażi tiegħu jkun qiegħed jintalab il-ħruġ tal-mandat eżekuttiv ladarba dan ma jkunx imsejjes fuq sentenza tal-Qorti, li l-istess Qorti tkun tista' tieħu konjizzjoni ġudizzjali tagħha meta ma tkunx mehmuża mal-mandat. F'dan il-każ iżda ma setgħet issir l-ebda verifika.*

Għal dawn il-motivi il-Qorti taqta u tiddeċiedi billi **tilqa' it-talba tar-rikorrent** għat-tħassir tal-mandat eżekuttiv ta' qbid ta' sekwestru numru 1525/2023 f'l-ismijiet premessi, bl-ispejjeż kontra l-Aġenzija intimata.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REĠISTRATUR**